# Statut
# Għaqda Ġurnalisti Sport (Malta)


- Artikolu I (1) - Isem
- Artikolu II (2) – Skopijiet
- Artikolu III (3) – Definizzjoni
- Artikolu IV (4) – Membri
- Artikolu V (5) – Irtirar tat-Tessera
- Artikolu VI (6) – Drittijiet tal-Membri
- Artikolu VII (7) - Affiljazzjoni
- Artikolu VIII (8) – Menswalità u Finanzi
- Artikolu IX (9) – Organizzazzjoni Ġenerali
- Artikolu X (10) – Il-Laqgħa Ġenerali
- Artikolu XI (11) – Funzjonijiet tal-Laqgħa Ġenerali Annwali
- Artikolu XII (12) – Il-Kumitat Eżekuttiv u l-ħatra tiegħu
- Artikolu XIII (13) – Il-Kumitat Eżekuttiv
- Artikolu XIV (14) – Il-funzjonijiet tal-Kumitat Eżekuttiv
- Artikolu XV (15) – Il-Kummissjonijiet
- Artikolu XVI (16) – Dispożizzjonijiet Ġenerali
- Artikolu XVII (17) – Xoljiment

# Statut Għaqda Ġurnalisti Sport (Malta)

## ▪ Artikolu I (1) – Isem

Għaqda Ġurnalisti Sport – Malta Sports Journalists Association. Politakament l-Għaqda tosserva newtralità assoluta.

L-indirizz uffiċjali tal-Organizazzjoni huwa Għaqda Ġurnalisti Sports, Uffiċċju Numru 61, Kumpless Pixxina Nazzjonali tal-Qorq, Triq Maria Teresa Spinelli, Msida jew kull indirizz iehor kif jista jigi determinat mil-Kumitat Eżekuttiv minn żmien għal żmien.

## ▪ Artikolu II (2) – Skopijiet

a) Biex tgħaqqad flimkien il-ġurnalisti u kummentaturi Maltin li jispeċjalizzaw fl-isports u li jeżerċitaw il-professjoni tagħhom fil-Gżejjer ta' Malta u anke barra minn Malta.

b) Biex tipproteġi l-interessi morali, professjonali u oħrajn tal-membri tagħha, kif ukoll sabiex tipproteġi lil dawn il-Membri fl-eżerċizzju liberu tal-professjoni tagħhom.

c) Biex tkattar l-ispirtu ta' ħbiberija, kollaborazzjoni u solidarjetà bejn il-membri tagħha u ma' ġurnalisti / kummentaturi mad-dinja kollha.

d) Biex f'kompetizzjonijiet nazzjonali u internazzjonali, tara li l-awtoritajiet pubbliċi u sportivi jipprovdu l-faċilitajiet neċċessarji biex b'hekk il-membri tagħha jkunu jistgħu jeżerċitaw il-professjoni tagħhom fl-aħjar mod possibli.

e) Biex toħloq u ssaħħaħ relazzjonijiet ta' ħbiberija ma' Għaqdiet Nazzjonali u Għaqdiet Internazzjonali ta' ġurnalisti sportivi membri tal-*Association Internationale de la Presse Sportive (AIPS)* kif ukoll tal-Union Europenne de la Presse Sportive (EUPS – AIPS Europe

f) L-Organizazzjoni hi awtonoma u volontarja.

g) L-Organizazzjoni se tkun waħda li ma tagħmilx profit u dan kif definit fl-Att dwar l-Organizazzjonijiet Volontarji (Kapitolu 492 tal-Liġijiet ta' Malta) u kull fondi żejda li jisttgħu jiġu rċevuti jew iġġenerati mill-ativitajiet tagħha se jkunu qed jiġu investiti mil-ġdid fl-istess Organizazzjoni.

h) L-ebda parti mid-dħul, kapital jew propjeta' tal-Organizazzjoni ma hu jew se jkunu disponibbli la direttament u lanqas indirettament lil ebda promotur, fundatur, membru, amministratur, donator jew kull interess privat ieħor.

## ▪ Artikolu III (3) – Definizzjoni

*a)* Jikkwalifikaw bħala ġurnalisti sportivi dawk il-kittieba, ġurnalisti, reporters kummentaturi u photoreporters / camerapersons magħrufin bħala tali mill-Għaqda u li jeżerċitaw il-professjoni tagħhom fi ħdan ġurnali, aġenziji tal-informazzjoni, stazzjonijiet tar-radju u televiżjoni jew *ta' websites u pubblikazzjonijiet sportivi.*

b) L-Għaqda toħroġ direttivi u rakkomandazzjonijiet lill-membri tagħha u lil dawn tagħtihom tessera li tikkwalifikahom bħala membri tal-Għaqda.

## ▪ Artikolu IV (4) – Membri

Il-membri tal-Għaqda Ġurnalisti Sport jistgħu jkunu:

- *Membri* Onorarji
- *Membri Attivi*
- Membri Assoċjati

a) Jistgħu jiġu nominati membri Onorarji dawk il-persuni li jkunu taw xi servizz tanġibbli lill-media sportiva jew lill-isports inġenerali.

b) Membru attiv, huwa dak il-ġurnalist li jaħdem / jikkontrobwixxi fil-ġurnali ta' kuljum (anke webistes), jew mezz ta xandir (TV / radju), jew dak illi huwa responsabbli bħala editur tal-paġni sportivi ta' ġurnal jew mezz ta' xandir ieħor.

c) Membru Assoċjat huwa dak il-membru li kien attiv iżda minħabba f'xi ċirkostanza m'għadux attiv fil-ġurnalizmu. Status ta' membru Assoċjat tista' tingħata wkoll lil individwi bħal PRO's ta' Assoċjazzjonijiet sportivi li jixtiequ jkunu membri fl-GħĠS. Membru assoċjat m'għandux dritt għall-Vot waqt Laqgħa Ġenerali Annwali u / jew Laqgħa Ġenerali Straordinarja.

## ▪ Artikolu V (5) – Irtirar tat-Tessera

a) It-Tessera ta' Membru tal-Għaqda tiġi rtirata :-

i. Meta membru ma jibqax jeżerċita l-professjoni.

ii. Meta membru jirreżenja u f'dan il-każ ir-reżenja tiegħu għandha ssir bil-kitba u indirizzata lill-President li mill-aktar fis jinforma lill-membri l-oħra tal-Għaqda.

iii. Meta membru jiġi mkeċċi jew sospiż – miżuri li jistgħu jittieħdu biss mill-Kumitat Eżekuttiv tal-Għaqda meta xi membru ma jkunx qiegħed jaqdi dmiru kif għandu jkun, jew li jista' jkun ta' xi preġudizzju kontra l-Għaqda, jew li ma jkunx qiegħed jaġixxi skond id-dispożizzjoni ta' dan l-Istatut.

b) It-tkeċċija jew sospenzjoni ta' membru tista' tiġi deċiża biss mill-Eżekuttiv tal-Għaqda f'Seduta Ordinarja, b'maġġoranza ta' mhux anqas minn żewġ terzi tal-voti uffiċjali tal-Membri preżenti, u dan wara li jiġi interrogat u tinstema' x-xhieda tal-membru konċernat. Jekk mingħajr ebda raġuni valida, dan il-membru jonqos li jattendi għal din il-Laqgħa, it-tkeċċija jew sospensjoni tiegħu tista' tiġi deċiża anke fl-assenza tiegħu.

c) Kull membru imkeċċi jew sospiż jista' jappella mid-deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv quddiem il-Laqgħa Ġenerali Annwali Ordinarja / Straordinarja tal-membri attivi. Il-membru sospiż jew imkeċċi għandu d-dritt jiddefendi ruħu quddiem il-Laqgħa Ġenerali iżda ma jkollux dritt għall-vot.

## ▪ Artikolu VI (6) – Drittijiet tal-Membri

a) Id-dritt għall-vot u għall-kandidatura fil-Laqgħa Ġenerali ta' kull sena (*) inkluż l-membri Onorarji. Kull membru għandu vot wieħed biss, minbarra d-dritt tal-kandidatura għall-Kumitat Eżekuttiv u għall-kmmissjonijiet oħra.
*(*) ara wkoll Artikolu X.*

b) Id-dritt illi jsejħu Laqgħa Ġenerali Straordinarja. Għal dan l-iskop, huwa neċessarju illi l-membru jew membri jiġbru l-firem ta' mhux anqas minn kwart tal-Membri attivi. Ebda membru tal-Għaqda ma jista' japprofitta minn dan il-fatt biex jakkwista vantaġġ personali, b'mod speċjali finanzjarju, u jekk jagħmel dan jista' jiġi mkeċċi jew sospiż mill-Għaqda.

c) Id-dritt li japplika u jsir membru tal-Association International de la Presse Sportive (AIPS) wara approvazzjoni tal-Kumitat Eżekuttiv.

## ▪ Artikolu VII (7) – Affiljazzjoni

a) Kull domanda għall-affiljazzjoni fl-Għaqda trid tiġi sottomessa lill-Kumitat Eżekuttiv li jeżaminaha f'Seduta Ordinarja, u japprovaha biss b'mhux anqas minn maġġoranza sempliċi tal-voti tal-uffiċjali preżenti.

b) Biex jiġi aċċetat bħala membru, il-kandidat irid:

i) Ikollu drittijiet ċivili u politiċi kollha
ii) Ikun akkreditat b'dokument maħruġ mid-direzzjoni ta' ġurnal, stazzjon tar-radju u / jew televiżjoni, organizzazzjoni jew aġenzija ta' informazzjoni fejn jaħdem.

c) F'każ illi l-kandidat ma jiġix ammess, tal-anqas żewġ membri attivi tal-Għaqda jistgħu jappellaw lil-Laqgħa Ġenerali biex l-applikazzjoni tiġi rikonsiderata għall-aħħar darba.

## ▪ Artikolu VIII (8) - Menswalità u Finanzi

a) Il-Membri attivi jimpenjaw irwieħhom li jħallsu l-menswalità ta' kull sena ffissata mil-Laqgħa Ġenerali Annwali. Min ma jagħmilx dan il-pagament jitlef id-dritt ta' membru, u jerġa' jakkwista dawn l-istess drittijiet biss wara li jkun irregola l-pożizzjoni tiegħu mat-Teżorier tal-Għaqda.

b) Il-Menswalità għandha tkun dik li tistabilixxi l-Laqgħa Ġenerali Annwali għall-membri tagħha.

c) Il-Menswalità tibda mill-1 ta' Jannar sal-31 ta' Diċembru ta' kull sena.

d) Għar-rigward il-kontijiet annwali tal-Organizazzjoni dawn se jkunu qed jitħejjew għall-perjodu finanzjarju mil-1 ta' Jannar sal-31 ta' Dicembru ta' kull sena.

e) Kull sena fil-Laqgħa Ġenerali Annwali jinħatru żewġ reviżuri / amministraturi interni li se jkunu qed jevalwaw is-sena finanzjarja u jħejju rapport qasir dwar ir-rapport finanzjarju tal-Għaqda li jrid ikun ukoll iċċertifikat minn accountant professjonali .

## ▪ Artikolu IX (9) – Organizzazzjoni Ġenerali

a) L-Organizzazzjoni Ġenerali tal-Ghaqda tinqasam hekk:

i) Il-Laqgħa Ġenerali
j) Il-Kumitat Eżekuttiv
k) Il-Kummissjonijiet
l) L-Awdituri

## ▪ Artikolu X (10) – Il-Laqgħa Ġenerali

a) Il-Laqgha Ġenerali Annwali għall-membri kollha ssir darba fis-sena, f'data u post iffissat mill-Kumitat Eżekuttiv.

b) Il-Membri kollha jridu jiġu avzati b'din il-Laqgħa u bl-Agenda tagħha mhux anqas minn għaxart (10) ijiem qabel.

c) Emendi għall-Istatut jew mozzjonijiet tal-membri, kif ukoll nominazzjonijiet għall-Kumitat Eżekuttiv għandhom jiġu mressqa mhux anqas minn ħamest (5) ijiem qabel issir il-laqgħa.

d) In-nominazzjonijiet għall-Kumitat Ezekuttiv iridu jiġi proposti u sekondati mill-Membri attivi tal-Għaqda.

e) Fil-Laqgħa Ġenerali, jekk sal-ħin iffissat ma jkunx hemm 'quorum' il-Laqgħa Ġenerali ssir xorta waħda u tibda 30 minuta wara bil-membri preżenti.

## ▪ Artikolu XI (11) – Funzjonijiet tal-Laqgħa Ġenerali Annwali

Il-Laqgħa Ġenerali Annwali għandha dawn il-funzjonijiet:-

a) Li tirrevedi l-Istatut
b) Li tindika direttivi u rakkomandazzjonijiet
c) Li tapprova r-rapporti tas-Segretarju Ġenerali u Teżorier
d) Li tapprova l-'balance sheet' u l-'budget' kif ukoll ir-Rapport tal-Awdituri
e) Li tiffissa l-ħlas tal-Menswalità
f) Li teleġġi l-Kumitat Eżekuttiv
g) Li tappunta żewġ reviżuri / amministraturi interni.
h) Li tappunta accountant professjonali għas-sena suċċessiva

## ▪ Artikolu XII (12) – Il-Kumitat Eżekuttiv u l-Ħatra Tiegħu

a) Il-Laqgħa għall-għażla tal-Kumitat Eżekuttiv il-ġdid tkun immexxija minn *Chairman* maħtur apposta u żewġ membri attivi oħra maħtura mill-membri preżenti għall-Laqgħa.

b) Il-Kumitat Eżekuttiv tal-Għaqda Ġurnalisti Sports għandu jkun iffurmat minn mhux inqas minn tlett (3) membri u mhux aktar minn disa' (9) membri li jridu jkunu 'Membri Attivi'. Dawn jiġu eletti kull erba' snin mil-Laqgħa Ġenerali minn fost il-Membri nominati.

c) Kif membru jiġi elett fil-Kumitat Eżekuttiv, preferibilment dan għandu jsir membru tal-Association International de la Presse Sportive (AIPS) u cioè għandu jkollu l-Press Card tal-AIPS jekk ma jkunx diġà membru.

## ▪ Artikolu XIII (13) – Il-Kumitat Eżekuttiv

a) L-Għaqda Ġurnalisti Sports tkun immexxija minn Kumitat Eżekuttiv iffurmat hekk:

***(Fil-parentezi l-uffiċjali Kumitat Eżekuttiv 2017-2020)***

***President – (Sandro Micallef)***

***Viċi-President – (Clinton Buhagair)***

***Segretarju Ġenerali – (Lorianne Cunnigham)***

***Assistent Segretarju Ġenerali – (Antvin Monseigneur)***

***Teżorier – (Mark Muscat)***

***Assistent Teżorier – (Stephen Azzopardi)***

***Membri – (Joanna Camilleri, Steward Said u Mark Cini)***

b) Dawn il-karigi jkunu għall-perjodu ta' erba' (4) snin. Il-membri kollha tal-Kumitat Eżekuttiv ikollhom id-dritt jerġgħu jersqu bħala Kandidati fl-Elezzjoni fil-Laqgħa Ġenerali ta' erba' (4) snin wara.

c) Il-'quorum' tal-Kumitat Eżekuttiv għandu jkun ta' tliet (3) membri illi fosthom irid ikun hemm tal-inqas żewġ uffiċjali.

## ▪ Artikolu XIV (14) – Il-funzjonijiet tal-Kumitat Eżekuttiv

Il-Kumitat Eżekuttiv jiltaqa' mhux anqas minn darba kull xahar. F'każ ta' bżonn jista' jissejjaħ aktar ta' spiss fuq talba tal-President jew tas-Segretarju Ġenerali.

Kull membru tal-Kumitat Eżekuttiv li mingħajr raġunijiet validi jonqos li jattendi għal tliet (3) seduti konsekuttivi jiġi kkunsidrat li rriżenja. Kull deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tirrikjedi maġġoranza sempliċi tal-voti tal-membri preżenti.

F'każ ta' parità ta' voti, il-President għandu dritt għall-'*casting vote*'.

L-uffiċjali:-

- Il-President jirrapreżenta l-Għaqda u għandu d-dmir li jara li l-Istatut u d-deċiżjonijiet tal-Kumitat Eżekuttiv jiġu osservati.
- Il-Viċi-President jieħu rwol li jagħmel superviżjoni tax-xogħol attribwit lill-uffiċjali l-oħra u li jmexxi l-laqgħa fl-assenza tal-President.
- Is-Segretarju Ġenerali jieħu ħsieb l-amministrazzjoni tal-Għaqda, jibgħat l-avviżi tal-Laqgħat u jagħmel il-minuti u xogħol ta' korrispondenza u kkordinazzjoni.
- It-Teżorier għandu l-inkarigu li jżomm il-Kotba tal-Għaqda, iħallas il-kontijiet u joħroġ l-irċevuti meħtieġa.

## ▪ Artikolu XV (15) – Il-Kummissjonijiet

Il-Kumitat Eżekuttiv jista' jaħtar Kummissjonijiet għal xi skopijiet partikolari. Dawn il-kummissjonijiet jaqdu l-mandat tagħhom b'kollaborazzjoni stretta mal-Kumitat Eżekuttiv.

## ▪ Artikolu XVI (16) – Dispożizzjonijiet Ġenerali

Biex jintlaħaq 'quorum' għal-Laqgħa Generali Annwali, jew Laqgħa Ġenerali Straordinarja jrid jkun hemm preżenti mhux anqas min-nofs totali tal-membri mħallsa gal dik is-sena partikolari. Fin-nuqqas ta' quorum il-laqgħa tibda kwarta wara.

Jekk aktar minn żewġ terzi tal-membri mħallsa ta' dik is-sena partikolari jiffirmaw petitizzjoni biex tisejjaħ laqgħa ġenerali għall kull skop li jidrilhom xieraq, huma għandhom jgħaddu din l-petitizzjoni formalment lis-Segretarju Ġenerali tal-Organizazzjoni li f'mhux inqas minn 15 –il ġurnata għandu jsejjaħ l-istess laqgħa ġenerali.

## ▪ Artikolu XVII (17) – Xoljiment

a) Jekk fi kwalunkwe żmien l-Organizazzjoni tgħaddi riżoluzzjoni mil-Laqgħa Ġenerali b'maġġoranza ta' ħamsa u sebgħin fil-mija (75%) tal-membri preżenti u intitolati għall-vot, liema riżoluzzjoni jkolhla l-intendiment tax-xoljiment tal-Organizazzjoni, il-Kumitat Eżekuttiv jieħu l-passi neċċessarji immedjati biex iħallas xi djun li jista' jkollha l-organizazzjoni u jiddispondi minn flus u propjeta' li jibqa' bil-mod kif determinat fil-Lagħqa Ġenerali u wara l-Organizazzjoni tkun meqjusa għal kull għanijiet xolta.

b) Fl-ewentwalita' ta' xolijiment tal-Organizazzjoni, kull fondi jew propjeta' li jibqgħu għandhom jiġu mogħtija b'donazzjoni lill-Organizazzjoni oħra volontarja u li mhux intiża biex tagħmel profit, lil istituzzjoni karitativa li mhux intenzjonata biex tagħmel profit jew fil-Fond tal-Għaqdiet Volontarji u dan kif jagħżel l-Kumitat Ezekuttiv.

## ▪ Artikolu XVIII (18) – Dikjarazzjoni

Dan l-Istatut ġie approvat mill-aħħar Laqgħa Ġenerali Annwali tal-Għaqda Ġurnalisti Sports (Malta) ……………………..u kien ratifikat mill-Kumitat Eżekuttiv.

President: Sandro Micallef
ID Card: 298360M
Firma:

Segretarju Ġenerali: Lorraine Cunningham
ID Card: 82668M
Firma:

Teżorier: Mark Muscat
ID Card: 281378 m
Firma:

Viċi President: Clinton Buhagiar
ID Card: 501585(m)
Firma:

Segretarju Organiżattiv: Antvin Monseigneur
ID Card: 13177M
Firma:

Membru: Joanna Camilleri
ID Card: 328881(M)
Firma:

Membru: Stephen Azzoaprdi
ID Card: 119581M
Firma:

Membru: Mark Cini
ID Card: 49864(G)
Firma:

Membru: Stewart said
ID Card: 303294(M)
Firma: S. Said

TMIEM

**Emendat u approvat illum……………………** 15th April 2019.